C/2024/5987

2.10.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11586 – MASDAR / EDFI / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5987)

1. Fil-25 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Abu Dhabi Future Energy Company PJSC ("Masdar", l-Emirati Għarab Magħquda),

— Electricité de France S.A. ("EDF", Franza).

Masdar u EDF se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta, Amaala Sustainable Company for Energy, LLC ("JV", l-Arabja Sawdija).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija li għadha kif ġiet maħluqa li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Masdar hija kumpanija tal-enerġija rinnovabbli u tas-sostenibbiltà li tiżviluppa soluzzjonijiet fl-enerġija, l-ilma, l-iżvilupp urban, u t-teknoloġiji nodfa fl-Emirati Għarab Magħquda u madwar id-dinja,

— EDF hija attiva prinċipalment fil-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa, il-kummerċ u l-provvista tal-elettriku, kif ukoll fil-provvista ta' servizzi oħra relatati mal-elettriku u l-enerġija.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konġunta se jkunu l-forniment ta' servizzi relatati mal-iżvilupp u t-tħaddim ta' faċilitajiet tat-trattament tal-ilma u tal-ilma mormi, faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija, u networks ta' trażmissjoni fl-Arabja Sawdija.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11586 – MASDAR / EDFI / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË